Minuti tat-3 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Hamis 25 ta' April, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Apap Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-2 laqgha.**

**1.1** Emanuel Muscat irrimarka li ghalkemm huwa wasal tard ghal-laqgha ma jidhirlux li wasal nofs siegha tard. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi meta jidhol Kunsillier u l-laqgha tkun ga bdiet tiehu nota dak il-hin stess tal-hin li jkun wasal. F'dan il-kaz il-hin kien 5.15pm kif imnizzel fil-Minuti.

**1.2** Is-Sindku qal illi barra mill-hin gie rregistrat ukoll fil-Minuti li Muscat inghata sommarju tax-xoghol li kien sar u ghalhekk jekk kien hemm varjanza ta' xi ftit minuti fil-hin x'hin wasal dan mhuwiex rilevanti.

**1.3** Il-Minuti gew approvati mis-Sindku, Vici-Sindku u Carmen Vella u ffirmati bhala dokument korrett. Emanuel Muscat qal illi huwa ghadu ma rax il-Minuti sew filwaqt li Lisa Marie Brooke ma kinitx prezenti ghal-laqgha in kwistjoni.

**2. Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements.**

**2.1** Gie spjegat illi wara li sar il-process tal-Awditjar ghas-sena 2012 mill-Awdituri mahtura minn National Audit Office issa l-Kunsill ircieva l-*Audited Financial Statements* fejn saru xi *audit adjustments* li b'effett taghhom it-*total comprehensive income* ghas-sena 2012 jammonta ghal €16,475. Gie spjegat ukoll illi l-Kunsill jinhtieg li japprova l-*financial statements* biex dawn ikunu lura ghand l-awdituri sat-30 ta' April. Wara li nghataw l-ispjegazzjonijiet mehtiega l-Audited Financial Statements gew approvati unanimament.

**3. Hatra ta' Deputat/Agent Segretarju Ezekuttiv.**

**3.1** Is-Sindku spjega illi wara l-ahhar laqgha d-Dipartiment tal-Gvern Lokali gie notifikat bil-htiega li jinhatar Deputat/Agent Segretarju Ezekuttiv minhabba l-assenza temporanja tas-Segretarju Ezekuttiv, fejn id-Dipartiment talab lill-Kunsill jinnomina lil xi hadd skond il-provedimenti tal-ligi. Gie spjegat illi gew ikkuntattjati xi Seg. Ezekuttivi attwali u persuni li servew bhala Seg. Ezekuttivi izda ghadha ma gietx identifikata l-persuna gusta. Gie spjegat ukoll illi f'kaz precedenti meta s-Segretarju Ezekuttiv kienet temporanjament assenti kienet inhatret Johanna Caruana bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv bl-approvazzjoni tad-Dipartiment Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel li ghandha tkun kkunsidrata l-possibilita' li tinhatar l-istess persuna.

**4.0 Kontinwazzjoni ta' Triq Karmni Grima lejn il-grawnd tal-futbol**

**4.1** Il-Kunsill iddiskuta dwar il-ftuh ta' parti gdida fi Triq Karmni Grima li kienet approvata mill-MEPA. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir komunikazzjoni mal-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-possibilita' li din issir min naha tal-Ministeru.

**5.0 Materji ohra.**

5.1 Is-Sindku rringrazzja lil Emanuel Muscat li ha hsieb jikkoordina l-attivita' tal-gbejna il-Hadd filoghdu. Is-Sindku ppropona li ghandhom jintbaghtu ittri ta' ringrazzjament lill-persuni li taw sehemhom biex setghet issir din l-attivita' foshom Michael Formosa, Adrian Formosa, Emanuel Galea, Emanuel Muscat, Gorg Mifsud, Louis Agius u Joseph Debrincat. Il-Kunsill qabel unanimament. Ittra ohra ghandha tintbaghat lil Gozitano talli silfu il-borma li fiha saret il-gbejna. Peress li Joseph Debrincat ipprovda r-*rennet* huwa ghandu jintalab biex jinkludiha fil-kont tal-provvista tal-halib. Louis Agius li fis-snin precedenti pprovda r-*rennet* ukoll ghandu jkun rifuz tal-ispejjez involuti.

5.2 Il-Kunsill qabel li huwa sodisfatt bl-andament generali ta' Seher il-Punent. Fir-rigward ta' sound is-Sindku spjega illi qabel il-festival huwa tkellem mal-kuntrattur dwar il-problemi teknici tas-sena precedenti fejn il-kuntrattur spjega illi s-surmast tal-banda ma kienx hallihomx jimmikjaw izda din is-sena huwa nsistew mieghu li ghandhom jimmikjaw. Gie nnutat illi waqt ix-xow ta' Gorg u Pawlu kien hemm xi problemi ta' sound fiz-zoni ta' taht it-tined tal-bar.

5.3 Saret diskussjoni dwar l-andament tat-tug of war, fejn ma kienx hemm bizzejjed konkorrenza u miz-zewg timijiet partecipanti tim wiehed biss pprezenta ruhu ghal-loghob peress li t-tim l-iehor ma kinex komplut. Ghalhekk biex setghet issehh il-loghba dahal fil-loghba wkoll it-tim mill-Gharb *Just For Fun*.

5.4 Il-Kunsill qabel li ghalhekk jinhtieg li jkun hemm revizjoni fil-mod kif ser jitqassmu l-Premjijiet fejn gie deciz kif gej: is-somma ta' €500 lill-Kumitat tal-Briju li ha hsieb jikkoordina l-loghba, is-somma ta' €500 lit-tim rebbieh Just For Fun kif ukoll is-somma ta' €500 lit-tim West End.

5.5 Is-Sindku spjega illi huwa gie msejjah ghal-laqgha gewwa c-Centru Parrokkjali fejn gie propost illi l-Kunsill flimkien mal-parrocca jorganizzaw lezzjonijiet tad-drama ghall-istudenti matul is-Sajf 2013 bhala parti mis-Summer Camp. Gie spjegat illi l-istudenti jkunu jistghu' itellghu xow waqt Jum l-Gharb 2013 b'dak li jkunu tghallmu fil-lezzjonijiet u ghalhekk ikunu qed jikkontribwixxu parti mill-*entertainment* ta' din is-serata. L-ispejjez involuti biex jittellghu dawn il-lezzjonijiet jammontaw ghal €1260 li huwa ghal 21 lezzjoni b'zewg ghalliema ghall-prezz ta' €30 kull ghalliema kull lezzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm ghalliema wahda kull lezzjoni biex b'hekk l-ispiza tinzel bin-nofs ghall-ammont ta' €630. Peress li m'hemmx fondi vvutati l-Kunsill qabel li dawn ghandhom ikunu allokati mill-budget ta' Jum l-Gharb peress li l-istess lezzjonijiet ser jikkontribwixxu ghall-parti mid-divertiment ta' Jum l-Gharb.

5.6 Il-Vici-Sindku rrefera ghall-applikazzjoni tal-Mepa ghall-bini mill-gdid tal-kamra tan-nar trattata waqt il-laqgha precedenti. Huwa qal li ma jaqbilx li din ghandha terga' tinbena u ppropona li l-Kunsill ghandu joggezzjona. Peress li l-Vici Sindku ma kienx membru fil-Kunsill precedenti is-Sindku spjegalu li l-Kunsill kien ghamel ir-referendum u r-rizultat kien pprezentat lill-Mepa. Is-Sindku spjega illi f'Gunju ghandu jinstema l-appell relatat mal-applikazzjoni ghall-bini mill-gdid tal-kamra tan-nar ta' Farrugia li wkoll kienet splodiet. Lisa Marie Brooke qalet illi l-Kunsill ghandu jitratta wkoll l-issue tal-materjal splussiv li jghaddi mit-toroq tal-lokalita'. Kien hemm qbil li ghandha tkun proposta bye-law li tirregolarizza il-garr tal-materjal mahdum u materjal li bih jinhadem il-loghob tan-nar. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk ghadu fil-hin li joggezzjona ghall-applikazzjoni trattata waqt il-laqgha precedenti ghandu jaghmel dan.

5.7 Il-Vici Sindku issuggerixxa illi fi Triq Felic Grech ghandhom isiru *sleeping policemen* minhabba sewqan eccessiv. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba ghall-approvazzjoni lil Transport Malta.

5.8 Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw zewg arbli antiki tad-dawl biex jintuzaw ghall-armar tat-toroq u jehlu fi Triq Virtu'u Triq Trux.

5.9 Dwar il-loading/unloading bay fil-Pjazza faccata tas-Sqaq tas-sorijiet fejn fil-laqghat precedenti gie trattat l-ilment ta' Angelo Cauchi, is-Sindku spjega illi l-Kunsill ircieva ittra minghand l-Avukat ta' Cauchi.

Spjega illi saret laqgha fuq il-post mar-resident ikkoncerant u ntlahaq qbil li ser titnehha l-kaxxa mal-wisgha tal-isqaq u tigi no parking. Il-kumplament tal-bay ser tibqa hemm. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kundizzjoni tas-sqaq tas-sorijiet li huwa fi stat hazin. Giet diskussa l-possibilita' li jkun inkluz fil-PPP jew inkella jsir bil-konkos mill-haddiema tal-Kunsill jekk il-budget jippermetti.

5.11 Dwar ix-xogholijiet ta' restawr fuq il-faccata tal-Knisja Parrokkjali bhala parti mill-progett M323, is-Sindku spjega illi ufficjali tal-MEPA gew fuq il-post biex jistabilixxu x-xoghol li jrid isir.

5.12 Il-Kunsillieri gew infurmati illi fit-23 ta' Mejju fl-10.00am ser jaghlqu l-offerti tal-Infiorata u tal-provvista tat-telephone boxes. Il-Vici Sindku u Carmen Vella offrew li jkunu prezenti ghall-ftuh tal-offerti.

5.13 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir fit-23 ta' Mejju, 2013 hin 4.45pm.

5.14 Il-laqgha spiccat hin 6.15pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv